BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru.** **08/2012**

**Data tal-pubblikazzjoni:** **6 ta' Diċembru 2012**

**Awwissu 2012**

**Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro ċkienet bi EUR12.3 miljun, jew 0.1%, f'Awwissu, għal EUR10.2 biljuni (ara Tabella 1). Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir sena fuq sena niżlet għal 6.4% minn 8.0% f'Lulju.

It-tnaqqis xahar fuq xahar fl-M3 irriżulta l-aktar minħabba tnaqqis fl-ammont ta' titoli negozjabbli, li naqsu bi EUR8.8 miljuni, jew 4.1%. Sadattant, il-komponent monetarju intermedju (M2) naqas bi EUR3.6 miljuni, bir-rata tat-tkabbir annwali tiegħu tinżel għal 6.7% minn 8.2% f'Lulju.

Fost il-komponenti tal-M2, id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas naqsu b'EUR20.8 miljun, jew 0.5%, f'Awwissu. Dan it-tnaqqis seħħ kollu kemm hu minħabba ħruġ konsiderevoli ta' fondi miżmuma minn residenti f'pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro, partikolarment kumpaniji privati mhux finanzjarji u individwi. Sadattant, id-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas naqsu b'EUR2.6 miljuni, jew 1.8%, minħabba tnaqqis fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji.

B'kuntrast għal dan, il-komponent monetarju ristrett (M1), jiġifieri l-kumplament tal-komponent M2, kiber bi EUR19.9 miljun, jew 0.3%. Dan irrifletta żieda fid-depożiti *overnight* li għelbet tnaqqis fil-flus maħruġa. Id-depożiti *overnight* kibru bi EUR23.9 miljun, jew 0.5%, wara żieda fil-bilanċi miżmuma minn individwi, kumpaniji tal-assikurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet, u intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek. Flimkien, dawn pattew għal tnaqqis fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir sena fuq sena tal-komponent monetarju ristrett telgħet għal 11.6% minn 11.3% f'Lulju.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, il-kreditu lir-residenti taż-żona tal-euro kiber b'EUR79.2 miljun, jew 0.5%, hekk kif żdied il-kreditu lill-gvern ġenerali u lill-bqija tas-setturi tal-ekonomija. Iż-żieda ta' EUR8.3 miljuni, jew 0.2%, fil-kreditu lill-gvern ġenerali seħħet kollha kemm hi minħabba żieda fl-ammont ta' titoli tal-gvern ta' Malta miżmuma mill-banek. Din iż-żieda kienet megħluba parzjalment minn tnaqqis fil-kreditu lill-gvernijiet oħra fiż-żona tal-euro. Sadattant, il-kreditu lil setturi oħra kiber b'EUR70.9 miljun, jew 0.6%, u dan irrifletta volum ogħla ta' self mogħti lill-intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek u kumpaniji privati mhux finanzjarji residenti f'pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro. Fl-istess ħin, minħabba li l-kreditu kien żdied b'ammont

akbar bejn l-istess xahrejn fl-2011, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu niżlet għal 6.2% f'Awwissu minn 7.5% f'Lulju.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM Maltin u residenti ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro, kibret b'EUR407.8 miljun, jew 4.2%, wara tnaqqis fix-xahar ta' qabel. Dan irrifletta tnaqqis konsiderevoli fl-obbligazzjonijiet, partikolarment fid-depożiti fissi miżmuma minn banek u kumpaniji privati mhux finanzjarji barra ż-żona tal-euro. L-assi barranin ukoll naqsu, għalkemm b'ammont inqas, prinċipalment minħabba tnaqqis fl-ammont miżmum ta' titoli maħruġa minn korporazzjonijiet vetturi finanzjarji[1] barra ż-żona tal-euro. Barra minn hekk, kien hemm tnaqqis fl-ammont miżmum ta' bonds tal-gvernijiet barra ż-żona tal-euro.

Il-kategorija 'il-kontropartijiet l-oħra', li taħdem bil-maqlub tal-M3, żdiedet b'EUR499.4 miljun, jew 3.2%, f'Awwissu, minħabba żieda f'obbligazzjonijiet oħra (netti). Din iż-żieda rriflettiet primarjament transazzjonijiet bejn il-banek fiż-żona tal-euro. Kien hemm ukoll żidiet fl-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal u fl-obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali.

**Transazzjonijiet ma' residenti Maltin: depożiti u self**

F'Awwissu, id-depożiti ta' residenti Maltin miżmuma ma' IFM Maltin kibru b'EUR27.6 miljun, jew 0.3%, mix-xahar ta' qabel (ara Tabella 2). Madankollu, ir-rata tat-tkabbir annwali battiet għal 5.7% minn 6.1% f'Lulju.

Id-depożiti *overnight* żdiedu b'EUR25.5 miljun, jew 0.5%, matul ix-xahar. Dan seħħ minħabba li żieda fil-bilanċi miżmuma minn individwi, kumpaniji tal-assikurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet, u intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek, ġiet megħluba minn tnaqqis fid-depożiti miżmuma minn kumpaniji mhux finanzjarji. B'kuntrast għal dan, id-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur jew anqas niżlu għal EUR2.6 miljuni, jew 1.9%, hekk kif naqsu l-bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji. Fl-istess ħin, id-depożiti li jimmaturaw sa sentejn jew anqas żdiedu b'EUR4.7 miljuni, jew 0.1%, u dan jirrifletti żieda fil-bilanċi miżmuma minn intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek.

Il-kreditu maħruġ minn IFM Maltin lil residenti Maltin kiber b'EUR20.0 miljun, jew 0.2%, u dan kien dovut kollu kemm hu għall-kreditu lill-gvern ġenerali. Kollox ma' kollox, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu niżlet għal 5.2% f'Awwissu minn 5.7% xahar qabel.

Il-kreditu lill-gvern ġenerali kiber b'EUR20.9 miljun matul ix-xahar kopert hekk kif il-banek komplew iżidu mal-istokks tal-Gvern ta' Malta u l-bills tat-Teżor miżmuma minnhom. Madankollu, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lill-gvern ġenerali battiet għal 9.2% minn 11.6%.

B'kuntrarju għal dan, il-kreditu lil residenti Maltin barra l-gvern ġenerali naqas b'EUR0.9 miljun, minħabba tnaqqis fl-ammont ta' titoli miżmuma mill-banek li għeleb żieda iżgħar fis-self. Fir-rigward tas-self, volum ogħla ta' self mogħti lill-individwi (l-aktar għall-iffinanzjar ta' xiri tad-djar) u lis-settur tal-bejgħ bl-ingrossa u l-imnut kien megħlub minn inqas self meħud mis-settur tal-kostruzzjoni kif ukoll mis-setturi tal-elettriku, gass u ilma. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lil residenti barra l-gvern ġenerali baqgħet stabbli fil-livell ta' 4.1% f'Awwissu.

[1] Korporazzjoni vetturi finanzjarji hija entità li x-xogħol prinċipali tagħha hu li twettaq transazzjonijiet tal-assigurazzjoni b'assi eżistenti.

**Assi barranin netti tal-IFM Maltin**

L-assi barranin netti tal-IFM Maltin żdiedu bi EUR52.4 miljun, jew 0.4%, f'Awwissu hekk kif tnaqqis konsiderevoli fl-obbligazzjonijiet barranin kien akbar minn tnaqqis fl-obbligazzjonijiet korrispondenti (ara Tabella 2). [2] It-tnaqqis fl-obbligazzjonijiet barranin seħħ minħabba volum inqas ta' depożiti fissi miżmuma minn residenti barra ż-żona tal-euro, partikolarment banek u kumpaniji privati mhux finanzjarji barranin. It-tnaqqis fl-obbligazzjonijiet barranin seħħ primarjament minħabba tnaqqis fl-ammont miżmum ta' titoli maħruġa minn residenti barranin. Kollox ma' kollox, ir-rata tat-tkabbir sena fuq sena tal-assi barranin netti żdiedet bi ftit, u laħqet 8.3% minn 8.2% xahar qabel.

**Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti[3]**

F'Awwissu, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa mill-IFM Maltin fuq id-depożiti kollha miżmuma mill-individwi u mill-kumpaniji mhux finanzjarji Maltin telgħet b'punt bażi għal 1.41%. Sadattant, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax mitluba mill-IFM fuq is-self lill-individwi u kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta baqgħet l-istess, jiġifieri 4.33%. Meta mqabbla ma' sena qabel, ir-rata tal-imgħax imħallsa fuq id-depożiti żdiedet b'żewġ punti bażi filwaqt li dik fuq is-self naqset b'seba' punti bażi.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

[2] L-assi barranin netti jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

[3] L-informazzjoni dwar ir-rati tal-imgħax fuq dejn mhux imħallas tkopri d-depożiti tal-IFM f'denominazzjonijiet tal-euro miżmuma mill-individwi u minn kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta u s-self mogħti lilhom. L-individwi jinkludu wkoll istituzzjonijiet li jipprovdu servizz lill-individwi bla qligħ. Kumpaniji mhux finanzjarji jinkludu l-intrapriżi kollha minbarra banek, kumpaniji tal-assikurazzjoni u istituzzjonijiet finanzjarji oħra. Għalhekk, din l-istatistika ma tkoprix is-setturi kollha tal-ekonomija.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM(1)(2)

*€ miljuni*

| | Aww-12 | Lul-12 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Aww-11 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI(3)** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **5,879.7** | **5,859.8** | **19.9** | **0.3** | **5,268.6** | **611.1** | **11.6** |
| Flus maħruġa(4) | 719.7 | 723.7 | -4.1 | -0.6 | 685.1 | 34.6 | 5.1 |
| Depożiti *overnight* (5) | 5,160.0 | 5,136.1 | 23.9 | 0.5 | 4,583.5 | 576.5 | 12.6 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **9,994.0** | **9,997.6** | **-3.6** | **0.0** | **9,370.3** | **623.7** | **6.7** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 5,879.7 | 5,859.8 | 19.9 | 0.3 | 5,268.6 | 611.1 | 11.6 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas(5) | 140.6 | 143.3 | -2.6 | -1.8 | 134.8 | 5.8 | 4.3 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas(5) | 3,973.6 | 3,994.5 | -20.8 | -0.5 | 3,966.9 | 6.8 | 0.2 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **10,196.7** | **10,209.0** | **-12.3** | **-0.1** | **9,584.0** | **612.6** | **6.4** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 9,994.0 | 9,997.6 | -3.6 | 0.0 | 9,370.3 | 623.7 | 6.7 |
| Titoli negozjabbli(6) | 202.7 | 211.4 | -8.8 | -4.1 | 213.7 | -11.1 | -5.2 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **16,005.5** | **15,926.3** | **79.2** | **0.5** | **15,072.7** | **932.8** | **6.2** |
| Self lill-gvern ġenerali | 3,915.1 | 3,906.8 | 8.3 | 0.2 | 4,506.6 | -591.5 | -13.1 |
| Self lil setturi oħra | 12,090.4 | 12,019.5 | 70.9 | 0.6 | 10,566.0 | 1,524.3 | 14.4 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **10,152.7** | **9,744.9** | **407.8** | **4.2** | **8,199.1** | **1,953.7** | **23.8** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 33,866.2 | 34,673.6 | -807.4 | -2.3 | 29,076.1 | 4,790.0 | 16.5 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 23,713.4 | 24,928.7 | -1,215.2 | -4.9 | 20,877.1 | 2,836.4 | 13.6 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **15,961.5** | **15,462.2** | **499.4** | **3.2** | **13,687.7** | **2,273.8** | **16.6** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 805.6 | 722.3 | 83.3 | 11.5 | 758.7 | 46.9 | 6.2 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 12,543.4 | 12,513.3 | 30.1 | 0.2 | 11,692.8 | 850.6 | 7.3 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 2,612.6 | 2,226.6 | 385.9 | 17.3 | 1,236.2 | 1,376.4 | 111.3 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.

(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Għall-2008, ġew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li għadhom ma ssarrfux. Dan għalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nħarġu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(6) Titoli negozjabbli jinkludu titoli ta' dejn b'maturita' ta' sentejn jew anqas maħruġa minn IFM f'Malta wara li jitnaqqas l-ammont tal-istess titoli miżmuma minn IFM f'Malta li nħarġu minn IFM f'postijiet oħra fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi tas-suq monetarju u ftehim għal xiri mill-ġdid li mhumiex immexxija minn kontropartijiet ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI[1]

*€ miljuni*

| | Aww-12 | Lul-12 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Aww-11 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI[2]** | **8,796.9** | **8,769.3** | **27.6** | **0.3** | **8,320.4** | **476.5** | **5.7** |
| Depożiti *overnight* | 4,980.0 | 4,954.5 | 25.5 | 0.5 | 4,453.8 | 526.2 | 11.8 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas | 138.5 | 141.1 | -2.6 | -1.9 | 132.8 | 5.7 | 4.3 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas | 3,678.4 | 3,673.7 | 4.7 | 0.1 | 3,733.8 | -55.4 | -1.5 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **11,182.4** | **11,162.3** | **20.0** | **0.2** | **10,632.0** | **550.4** | **5.2** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,523.2 | 2,502.2 | 20.9 | 0.8 | 2,311.3 | 211.9 | 9.2 |
| Self lil setturi oħra | 8,659.2 | 8,660.1 | -0.9 | 0.0 | 8,320.7 | 338.5 | 4.1 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **12,078.5** | **12,026.1** | **52.4** | **0.4** | **11,157.3** | **921.2** | **8.3** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 44,226.0 | 45,482.2 | -1,256.2 | -2.8 | 40,567.7 | 3,658.3 | 9.0 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 32,147.5 | 33,456.1 | -1,308.6 | -3.9 | 29,410.4 | 2,737.1 | 9.3 |

[1] It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
[2] Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.